

Brussell, 29 ta' Mejju 2019  
(OR. en)

9429/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0353(COD)**

---

**CODEC 1109**  
**ENT 138**  
**MI 455**  
**CONSUM 171**  
**COMPET 415**  
**UD 146**  
**CHIMIE 83**  
**COMER 73**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL</b> dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 ( <b>l-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

---

1. Fid-19 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta<sup>1</sup> imsemmija hawn fuq, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Mejju 2018<sup>2</sup>.
3. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> 15950/17.

<sup>2</sup> ĠU C 283, 10.8.2018, p. 19.

<sup>3</sup> 8438/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-ftehim tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 45/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bis-Slovakkja tivvota kontra u l-Bulgarija u l-Lussemburgu jastjenu;
  - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota għandhom jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---